



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Frar 2016
(OR. en)

5799/16

CSDP/PSDC 64
CFSP/PESC 85
BIH 2
PSC DEC 4
COWEB 7

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/22/2014 (BiH/23/2016)
----------	--

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) /2016/...**

ta'

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina
u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/22/2014
(BiH/23/2016)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 252, 28.7.2004, p. 10.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina.(il-'Kmandant tal-Forza tal-UE').
- (2) Fl-4 ta' Diċembru 2014, il-KPS adotta d-Deċiżjoni BiH/22/2014¹ li taħtar il-Ġeneral Maġġur Johann LUIF bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (3) Fit-22 ta' Jannar 2016, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda l-ħatra tal-Ġeneral Maġġur Friedrich SCHRÖTTER bħala l-Kmandant il-ġdid tal-Forza tal-UE biex jieħu post il-Ġeneral Maġġur Johann LUIF mill-24 ta' Marzu 2016.
- (4) Fid-29 ta' Jannar 2016, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa din ir-rakkomandazzjoni.
- (5) Għalhekk, id-Deċiżjoni BiH/22/2014 għandha titħassar.

¹ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/22/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Herzegovina u li tħassar id-Deċiżjoni BiH/19/2012 (ĠU L 358, 13.12.2014, p. 17).

- (6) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża.
- (7) Fit-12 u t-13 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen adotta dikjarazzjoni li tgħid li l-arranġamenti 'Berlin plus' u l-implimentazzjoni tagħhom ser japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri tal-Unjoni li huma wkoll membri tan-NATO jew Partijiet għas-'Sħubija għall-Paċi', u li konsegwentement ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà man-NATO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-General Maġġur Friedrich SCHRÖTTER huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnija-Ħerzegovina mill-24 ta' Marzu 2016.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni BiH/22/2014 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2016.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
